# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa 28 ta' Settembru, 2022

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 441/2015 ISB**

**Marclem Limited (C-10169)**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment li permezz tiegħu l-kumpannija **Power Point Ltd (C-19619)** kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Novembru 2015, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proċediment ta` stralċ, inkluzi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mgħoddija minn żmien għal żmien mir-ricevitur

uffiċjali kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti miżmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari minnu mħejjija u ppreżentati minn zmien ghal zmien.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Gunju 2016 u li permezz tieghu l-istralcarju gie *awtorizzat jghaddi ghall-bejgh tal-proprjeta' tas-socjeta' xjolta sabiex bir-rikavat jithallsu l-kredituri (u mhux ikompli jitla' l-imghax) u jekk jibqa' bilanc, jitqassam skond il-ligi*.

Rat illi permezz ta' Digriet datat 6 ta' Diċembru 2016, il-pjan ta' gradwazzjoni mħejji mill-istrajċjarju b'nota datata 25 ta' Novembru 2016 ġie approvat.

Rat illi r-remunerazzjoni tar-ricevitur ufficjali giet ffisata b'digriet tas-6 ta' April 2017 fl-ammont ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), u rat id-dikjarazzjoni tal-istralcarju maghmula fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2017 minn fejn jirrizulta illi l-istralcarju kien ghamel il-hlasijiet kollha dovuti lill-kredituri.

Rat illi minkejja illi l-istralcarju kien iddikjara illi huwa kien wettaq l-inkarigu tieghu, b'dana kollu mill-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Ottubru 2017 jirrizulta illi kien hemm kawza pendenti (296/2010GM) u li qabel ma tkun deciza dik il-kawza, kien difficli li jinghalaq l-istralc.

Rat illi l-kawza msemmija giet deciza b'mod definittiv fl-1 ta' Dicembru 2021 u konsegwentament, ir-ricevitur ufficjali pprezenta nota bil-`*visto u ma nopponix*` tad-difensur tas-socjeta' rikorrenti, liema nota giet pprezentata fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2022 u fejn l-istralc thalla ghall-provvediment finali.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osserva l-ħtigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta`Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tiegħu skont il-ligi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpannija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtigijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi biex:

1. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

2. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpanniji avviz tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

3. **Tordna** li l-isem tal-kumpannija **Power Point Limited (C-19619)** jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

4. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat' ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` tħassir tal-kumpannija **Power Point Limited (C-19619)**.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iħares dik l-ordni.

6. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu mill-kumpanija rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**